**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 545/2023 RM**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Christina Delia)**
**(Spettur Ryan-Mario Vella)**

**-Vs-**

**ISTVAN KOVACS**

**Illum, 27 ta' Lulju 2023**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **ISTVAN KOVACS, t**a' 42 sena, imwieled l-Ungerija nhar l-20 ta' Novembru 1980 li jirrisjedi gewwa Oceanus Penthouse No.76, triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-Identita Ungeriza bi numru: 95995SA akkużat talli ;

1. **Nhar it-30 ta' Gunju 2023 f'xi hin bejn it-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30Hrs) u is-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30Hrs)**, minn gewwa l-Blokka Belvedere Mansions, Flat 1/2, telghet ix-Xemxija San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus, gojjellerija, oggetti elettrionici u/jew xi oggetti ohra, liema serqa hija aggravata *bil-valur*, li jeccedi l-elfejn

tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u *bil-lok*, ghad-dannu ta' **Mark Borg Headley u/jew Joanne Angela Degabriele** w/jew ta' xi persuna/I ohra u/jew xi entita' jew entitajiet ohra;

2. **Nhar it-30 ta' Gunju 2023 u fil-jiem ta' wara sa t-13 ta' Lulju 2023**, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija ghal reati hawn fuq imsemijja u jekk jidrilha xieraq tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara ohra ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat iwieġeb waqt l-eżami li mhux ħati tal-akkużi;

Semgħet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni imputazzjoni dwar ir-reat ta' riċettazzjoni ngħatat bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat ta' serq aggravat;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tas-27 ta' Lulju 2023 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-ewwel akkuża;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara illi kkonċedietlu ħin konsiderevoli sabiex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tar-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli li hija ta' priġunerija effettiva.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2023;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u bis-salvagwardji kollha li tesiġi l-liġi fl-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessa.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reat kommess mill-imputat li fih innisfu jiddisturba s-serħan tal-moħħ li huwa intitolat għalih kull min iħalli r-residenza tiegħu biex jaqdi l-ħtiġiet tiegħu ta' kuljum, u jimmina wkoll is-sens ta' sigurta' u trankwillita' assoċjat mad-dar tal-abitazzjoni. Ħadet qies ukoll tal-valur konsiderevoli tal-oġġetti misruqa u l-fatt illi għalkemm uħud minnhom instabu u ġew rikoverati mill-Pulizija, dawk li kienu jikkonsistu f'apparat elettroniku fosthom iPads u tablets ma kienx għad fihom ebda valur stante illi kienu mkissrin u ma kienux funzjonanti u kienu biss xi fliexken tal-fwejjaħ u covers tat-tablets u iPads li kienu għadhom intatti. Fiċ-ċirkostanzi, fejn minħabba l-aggravju tal-valur taħt l-artikolu 279(b) tal-Kap. 9 u biż-żieda wkoll tal-kwalifika tal-lok billi s-serq ġie kommess minn ġewwa dar ta' abitazzjoni, kif ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 20 tal-istess Kap. 9, il-Qorti hija prekluża milli tuża s-

setgħat diskrezzjonali tagħha taħt l-artikolu 28A tal-Kap. 9 u ma ġiex muri li l-imputat huwa kandidat għal sanzjoni fil-komunita'.

Madankollu, fl-istess ħin, il-Qorti tat qies lill-ammissjoni bikrija u l-fedina penali kompletament netta tal-imputat u l-fatt illi jidher li huwa ko-opera mal-Pulizija meta wassalhom biex isibu uħud mir-res furtiva kif ukoll il-fatt, kif jirriżulta mis-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni, li huwa skuża ruħu għal egħmilu. Għaldaqstant, sejra teroga piena li toqrob lejn il-*minimum*.

Jirriżulta wkoll mis-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni, li l-imputat kien fis-sakra meta wettaq dan ir-reat u għalhekk il-Qorti tqis illi b'żieda mal-piena, għandu jitqiegħed ukoll taħt Ordni ta' Trattament biex jegħleb il-vizzju tax-xorb li jista' jkun ukoll wieħed mill-fatturi li jnissel imġieba kriminali.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dwar ir-reat ta' riċettazzjoni stante li din ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni, u wara li rat l-Artikoli 20, 31, 261(ċ)(e), 267, 269(g), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil ISTVAN KOVACS ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah sebgħa u tletin (37) xahar priġunerija effettiva.**

**B'żieda mal-piena u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati, ISTVAN KOVACS sabiex jindirizza u jegħleb il-vizzju tax-xorb alkoħoliku, liema Ordni għandha tibqa' fis-seħħ għal żmien tliet (3) snin.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, sabiex jieħdu konjizzjoni ta' u jimplementaw, l-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħati.**

**Għall-fini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna lill-ħati sabiex iħallas lil Mark Borg Hedley u jew lil Joanne Angela Degabriele, is-somma ta' tliet elef Euro (€3,000) bħala kumpens għat-telf soffert b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' serq li qed jinstab ħati tiegħu, u dan fi żmien sena. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Għall-fini tal-artikolu 392Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna wkoll lill-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur, tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-*proces-verbal* tal-Inkjesta, u dan wara li r-Reġistratur jistabbilixxi dawn l-ispejjeż u għal dan il-fini, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**Tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**